# Ċelebrazzjoni hekk kif l–Ingilterra tipprojbixxi t–tipjip! 16/02/2006

L–attivisti favur is–sahha fl–Ingilterra qeghdin jiċċelebraw rebha kbira ghas-sahha pubblika wara d–deċiżjoni tad–Deputati Parlamentari li tipprojbixxi t–tipjip fl– Ingilterra.
Id–Deputati Parlamentari fl–Ingilterra vvotaw f´Jum San Valentin (l–14 ta´ Frar) li l–postijiet pubbliċi u l–klabbs privati kollha li huma maghluqa ghandhom ikunu hielsa mit–tipjip. Dan il–vot imur kontra l–pjanijiet tal–manifest tal–Gvern li jipprojbixxi t–tipjip biss f´postijiet li jservu l–ikel, u jestendi l–politika ta´ projbizzjoni tat–tipjip g hall-hwienet tax–xorb, il–klabbs u l–postijiet tax–xoghol.
L–Iskozja u l–Irlanda ta´ Fuq diġà ghandhom politika ta´ projbizzjoni tat–tipjip u Wales dalwaqt ser jaqbad l–istess rotta. L–attivisti favur is–sahha huma ferm kuntenti b´dan ir–riżultat. Id–Direttriċi ta´ l–Azzjoni dwar it–Tipjip u s–Sa hha, Deborah Arnott qalet:
"Ahna ninsabu kuntentissimi illi d–Deputati Parlamentari taw widen ghall-argumenti taghna, harsu lejn l–evidenza u ddeċidew li l–leġiżlazzjoni li tipprojbixxi t–tipjip b´mod komprensiv hija kawża li wasal żmienha. L–Ingilterra g handha tara l–istess benefiċċji minn din il–liġi li diġà rat l–Irlanda, u li dalwaqt ser jaraw l–Iskozja, Wales u l–Irlanda ta´ Fuq".

**Sors:**
Ben Youdan, Kap Eżekuttiv ta´ No Smoking Day,
www.nosmokingday.org.uk